# M I N U T I

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

### IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

### LAQGĦA NUMRU 69

14 ta' Settembru 2023

Id-disgħa u sittin (69) seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar il-Ħamis 14 ta' Settembru 2023 fis-2.00pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tad-Dar tal-Kunsill.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Sindku |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Viċi Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsilliera |
| Is-Sinjura Sandra Sammut Hili | ( SSH ) | Kunsilliera |

SKUŻATI:-

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI:-

Malcolm Agius Muscat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

69.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

69.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

69.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

69.2.1. Is-Sindku VB ressaq il-minuti tat-tmienja u sittin (68) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

69.2.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier JAE u issekondata mill-Kunsilliera SSH, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti, bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (JAE, SSH, VB, AD, JP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

69.2.3. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 68.2.3 u qal li l-ewwel maltempata kienet għaddiet u l-kaptelli kienu baqgħu ma tranġawx. Is-Sindku VB qal li kien hemm xi sadd u l-Kunsill kien involva lill-Cleansing Department f'din il-materja. Il-Kunsillier JAE talab li ssir insistenza ħalli din il-materja tkun riżolta.

69.2.4. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 68.2.4 u staqsa jekk il-Kunsill kienx irċieva risposta mill-Ministru Owen Bonnici rigward il-Fosos u jekk kienx hemm risposta mill-ministeru tal-Lands.

69.2.4.1. Is-Sindku qal li l-Perit kien informa lill-Kunsill li jekk iż-żona ma tiġix claimed allura taqa' fi ħdan il-Lands Department. Is-SE qal li l-Kunsill kien talab li din ir-risposta tingħata bil-miktub.

69.2.4.2. Is-SE qal ukoll li kienet intalbet ukoll laqgħa mal-Ministeru tal-Lands Department iżda sa dakinhar il-Kunsill kien għadu ma ngħatax appuntament. Il-Kunsilliera SSH qalet li hi, bħala individwu u b'mod personali, kienet tkellmet mal-Ministru Silvio Schembri li nformaha li ser jibgħat għall-Kunsill f'qasir żmien. Hija żiedet tgħid li tinsab informata li l-Ministru Bonnici kien qed jaħdem fuq din il-materja wkoll.

69.2.4.3. Il-Kunsillier JAE esiġa fuq l-importanza li tali informazzjoni tingħata iswed fuq l-abjad.

69.2.4.4. Il-Kunsilliera SSH qalet li l-Ministru Bonnici kien offra li jibgħat in-nies sabiex issir il-manutenzjoni neċessarja jekk ikun hemm tkissir. Il-Kunsillier JAE qal li dan jagħmel sens għax ikun tkissir fuq wirt kulturali u allura jaqa'

fi ħdan dan il-ministeru biss hemm bżonn li l-Kunsill jiġi gwidat dwar min hu responsabbli u min ser jagħmel tajjeb għad-danni li jsiru b'mod kontinwu.

69.2.4.5. Il-Kunsillier JAE insista li tali kjarifiċi jingħataw bil-miktub. Is-SE qal li l-Kunsill talab dan matul laqgħa li hu u s-Sindku kellhom mal-Ministru. Il-Kunsillier JAE talab li fil-laqgħat li ġejjin, għandhom ikunu mistiedna l-kunsillieri kollha u dan sabiex ikun hemm sforz kollettiv. Huwa kompla billi qal li ma jixtieqx li jkun hemm tiswija iżda li jkun hemm sforz pro attiv fejn tittieħed azzjoni preventiva biex ma jkunx hemm iktar ħsara.

69.2.5. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja numru 68.2.5 rigward l-immaniġġjar tat-traffiku f'Balzunetta. Is-SE qal li kienet intbagħtet lil Transport Malta.

69.2.5.1. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk hux ser ikun hemm perjodu ta' transizzjoni u jekk tiġix offruta għajnuna sabiex il-Kunsill jinforma lir-residenti. Is-SE qal li jkun hemm żmien ta' prova.

69.2.6. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja numru 68.2.6 rigward il-kamera tal-Bombi. Is-SE qal li din għandha tiġi diskussa iktar tard matul il-laqgħa peress li hemm korrispondenza relatata.

69.2.7. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja numru 68.2.7 rigward Triq Sant'Anna. Is-SE qal li kien kellem lill-Perit li nformah li qed jistenna lil Transport Malta japprovawlhom id-disinn.

69.2.8. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja numru 68.2.8 rigward il-ħasil tat-toroq u l-bankini. Is-SE qal li l-ħasil kien għadu ma tlestiex kollu u għandu jkompli is-Sibt ta' wara.

## 69.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

69.3.1. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand Project Green li pproponew li jagħmlu xi pots bil-pjanti fil-parkeġġ tax-Xagħra. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni dejjem jekk ma tinstabx oġġezzjoni mingħand l-amministrazzjoni tal-art tax-Xagħra u bil-kundizzjoni li l-Kunsill ikun informat min ser ikun qed jieħu ħsieb il-manutenzjoni tagħhom.

69.3.2. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand Transport Malta fejn informaw bit-talba tal-Port Medical Office għal żewġ spazji ta' parkeġġ riservat. Wara li ddiskuta il-Kunsill qabel li ma jilqax din it-talba primarjament biex ma jkomplux jitnaqqsux iktar parkeġġi għar-residenti.

69.3.3. Is-Sindku ressaq kwotazzjoni mingħand Callus Garden Centre kwotazzjoni għal titjib fis-sistema tal-irrigazzjoni li tammonta għal €3000. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

69.3.3.1. Is-Sindku staqsa jekk il-pompa li hemm fil-ġnien tintużax mil-Kunsill biss. Is-SE qal li jrid jikkonferma li jekk il-konsorzju li nħatar minflok l-ELC għadux

qed jagħmel użu mill-pompa li kienet tintuża mill-ELC ħalli f'dak il-każ l-ispejjeż ikunu jistgħu jinqasmu bejnhom u bejn il-Kunsill.

69.3.4. Is-Sindku ressaq talba mingħand ir-residenti sabiex il-korsijiet t'attivitajiet fiżiċi jkunu jistgħu jitkomplew matul ix-Xitwa. Is-SE qal li s'issa dawn il-korsijiet kienu qed jitħallsu mill-proġett tan-Norway Grants u għalhekk jekk jitkomplew, iridu jitħallsu mill-fondi tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jassorbi din l-ispiża.

69.3.5. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand Transport Malta rigward il-kamera ta' Bieb il-Bombi. Is-SE qal li għad hemm kamera li qegħda installata fis-central strip. Is-Sindku kompla billi nforma li Transport Malta kienu pprovdew ħolqa f'każ li l-Kunsill jiġi bżonn xi filmati.

69.3.6. Is-Sindku ressaq korrispondenza rigward il-bring-in sites fejn il-GreenMT informaw li jekk il-kont relatat mat-tindif tad-dawra tal-bring-in sites mhux ser jitħallas, ser ikollhom ineħħu l-bring-in sites. Il-Kunsill qal li mhux ser jassorbi spejjeż relatati ma dan it-tindif ladarba dan ma jaqax taħt ir-responsabbiltà tiegħu.

69.3.7. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Community Police rigward il-lista tal-permessi tal-imwejjed u s-siġġijiet sabiex ikunu jistgħu jaġixxu bl-istess linja ma' kulħadd. Is-Sindku qal li kien informah li l-Kunsill ma kellux din l-informazzjoni u għalhekk l-unika mod kien li ssir ronda u kull negozju jintalab jippreżenta l-permess.

69.3.8. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand sid ta' negozju li ilmenta rigward l-inġustizzja li jħoss li qed isofri mil-Pulizija u mil-Lands Department. Wara li ddiskuta din is-sitwazzjoni, il-Kunsill qabel li għandu jinforma lill-Pulizija li hemm bżonn li jsir monitoraġġ fuq in-negozji kollha li hemm madwar il-lokalità.

69.3.9. Is-Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-risposta li bagħat l-Avukat tal-Kunsill rigward il-Malta Fashion Awards. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jieħu ħsieb jibgħat il-kont lill-organizzatur skont dak li jidhirlu li hu dovut lilu.

69.3.10. Is-Sindku informa lill-Kunsill bi stedina biex is-SE, is-Sindku u l-kunsillier responsabbli mill-ħarsien tal-annimali jattendu laqgħa rigward skema LC Care nhar it-18 ta' Settembru.

69.3.11. Is-Sindku fakkar li nhar is-Sibt 16 ta' Settembru ser tiġi organizzata il-World Clean up Day u għalhekk talab il-preżenza tal-kunsillieri. Il-Kunsilliera SSH qalet li sfortunatament hi mhux ser tkun tista' tattendi minħabba saħħitha.

## 69.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

69.4.1. Il-Kunsillier JAE staqsa rigward il-kamera ta' Bieb il-Bombi u qal li fuq wara kien hemm kamera oħra. Il-Kunsill qabel li għandu jikkomunika ma' Transport Malta u jinformahom li huma kienu qed jirreferu għal din il-kamera u mhux għal dik tas-central strip.

69.4.2. Il-Kunsillier JAE staqsa rigward il-funtana tal-iljun. Is-Sindku qal li kien informat li meta nħarġet is-sejħa għall-offerti kien hemm żewġ offerti li t-tnejn ma laħqux il-kriterji mitluba u għalhekk is-sejħa għall-offerti kellha terġa' tinħareġ. Is-Sindku qal li huwa importanti li l-offerent magħżul ikun jilħaq il-kriterji u li jkun jaf x'inhu jagħmel, ikun kwalifikat u jkollu dak kollu neċessarju biex jaħdem.

69.4.2.1. Il-Kunsillier JAE ppropona li l-Kunsill jitlob lill-Ministeru tal-Works sabiex tinħareġ stqarrija konġunta dwar l-iżvilupp ta' din il-materja għall-informazzjoni tan-nies.

69.4.3. Il-Kunsillier JAE staqsa rigward il-pots fi Pjazza Robert Samut u talab li jitħawwlu xi pjanti Maltin. Is-SE qal li fis-sejħa għall-offerti li nħarġet mil-Kunsill għall-kura tas-soft areas, kien hemm mitlub li l-kuntrattur jipprovdi espert sabiex jissuġġerixxi x'l-aħjar li jitħawwel.

69.4.4. Is-Sindku VB nforma li fiż-żjara li l-Kunsill kellu f'Macerata, kien iltaqa' mal-Kontessa Carla Compagnoni Floriani li kienet preżentat lill-Kunsill b'CD li kien jinkludi ħafna informazzjoni fuq Pietro Paolo Floriani. Huwa qal li dan il-materjal jista' jiġi espost f'Ġenna ta' Ġonna.

69.4.5. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-problema tal-iskart li hemm fil-lokalità. Huwa qal li hemm bżonn ta' aktar għajnuna mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jitħarrek kull min jinqabad jabbuża.

69.4.5.1. Is-Sindku qal li f'laqgħa riċenti li nżammet mal-ERA, kien għadda xi suġġerimenti bħal fir-rigward tal-iskart organiku u l-kulur tal-boroż. Huwa qal li kien qed jiġi diskuss li jinbidel il-kulur tal-borża s-sewda sabiex ikun iktar faċli li wieħed jidentifika xi jkun hemm fihom.

69.4.5.2. Is-Sindku qal li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kienu nformaw li fil-jiem li ġejjin kienu ser jibgħatu lil kull kunsill lista' ta' nies li jikru fil-lokalità sabiex kull kunsill ikollu din l-informazzjoni.

69.4.5.3. Il-Kunsilliera SSH qalet li xi ftit tal-jiem ilu kellha rapport u marret hi stess tħabbat il-bieb tal-persuna in kwistjoni u ġiegħlitha ddaħħal l-iskart ġewwa.

69.4.5.4. Il-Kunsillier JAE qal li xortawaħda hemm bżonn t'aktar għajnuna mill-awtoritajiet.

69.4.5.5. Il-Kunsill iddiskuta xi nuqqasijiet li qed jinnota fil-ġabra tal-iskart bħal per eżempju li l-kollettur kien qed jiġbor il-boroż kollha gozz fil-kantunieri. Is-SE talab li l-kunsillieri jibgħatulu tali dettalji ħalli jkun jista' jgħaddi dawn l-ilmenti lir-Reġjun Port sabiex tkun tista' ittieħed azzjoni.

**Nota: 15:35 Il-Kunsilliera SSH talbet li tkun skużata.**

69.4.6. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-kunċert ta' Christina Aguilera li kien ser jittella' xi ftit jiem wara u staqsa jekk il-Kunsill kienx qed ikun involut fid-diskussjonijiet.

**Nota: 15:38 Il-Kunsilliera SSH reġgħet attendiet għal-laqgħa.**

69.4.6.1. Is-Sindku nforma li sfortunatament ma kinitx qed issir konsultazzjoni mal-Kunsill iżda pjuttost jimponu fuq il-Kunsill deċiżjonijiet li jkunu diġà ħadu. Is-Sindku ta eżempju tal-problema ta' parkeġġ li kien hemm riċentement.

69.4.6.2. Il-Kunsillier JAE ppropona biex għall-futur, il-Kunsill f'Jannar jibda' jikkuntattjaw lill-organizzaturi li soltu jaħdem magħhom u jitlobhom jipprovdu informazzjoni dwar x'ser jorganizzaw fil-lokalità u meta.

69.4.6.3. Il-Viċi Sindku AD qal li min jorganizza xi attività għandu jingħata pjanta u jintalab jimxi magħha.

69.4.6.4. Is-SE qal li meta tingħata n-no objection mil-Kunsill, in-no objection qegħda tingħata fuq l-attività meta n-no objection għandha tingħata skont ċertu kundizzjonijiet u li din ma toħroġx jekk l-organizzatur ma jkunx iddiskuta l-pjanta u dettalji oħra mal-Kunsill.

69.4.6.5. Il-Kunsill qabel li l-laqgħat għandhom isiru kmieni u mhux isiru ftit jiem biss qabel l-attivitajiet.

69.4.7. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għad-dawl mitfi li hemm fi Ġnien Vilhena u fi Ġnien Sir Luigi Preziosi. Huwa staqsa jekk il-Kunsill għandux il-ħsieb li japplika sabiex jitranġa dan il-ġnien. Huwa staqsa wkoll rigward ix-xogħol li qed isir fit-triq u jekk hemmx xi żviluppi fir-rigward ta' dan id-dewmien.

69.4.7.1. Is-Sindku qal li kien hemm xi ħadd li qed jivvandalizza d-dawl tal-ġonna billi jispara fuqhom bl-air gun.

69.4.7.2. Is-SE qal li jekk jibqa' fondi fil-UIF, il-Kunsill kien ikkunsidra li dawn jużahom fuq Ġnien Preziosi.

**Nota: 15:57 Il-Kunsilliera SSH talbet li tkun skużata.**

69.4.7.3. Fir-rigward tax-xogħol fit-triq, is-Sindku qal li kien kellem lis-CEO ta' Infrastructure Malta li nformah li x-xogħol kien qed idum minħabba li kienu ġew imwaqqfa mill-ERA għaliex meta kien ingħata l-konkos, kienu ġew mgħottija xi għeruq tas-siġar li hemm fit-triq.

**Nota: 15:59 Il-Kunsilliera SSH reġgħet irritornat lura għal-laqgħa.**

69.4.8. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk il-Kunsill jistax jixgħel il-gallarija tad-Dar tal-Kunsill bil-kulur roża għall-okkażjoni tal-Pink October. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

69.4.9. Il-Kunsilliera SSH ressqet talba rigward il-bins li hemm ħdejn l-ispiżerija tal-Gvern u staqsiet jekk jistgħux jinqalgħu u jitwaħħlu ftit ‘il bogħod. Il-Kunsill qabel li għandu jara fejn l-aħjar li jiġu rilokati.

## 69.5 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGĦAT TA’ KUMITATI U/JEW SOTTOKUMITATI

69.5.1. Ma kienx hemm rapporti ta’ laqgħat ta’ kumitati u/jew sottokumitati.

## 69.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA’ PAGAMENTI

69.6.1. Is-Sindku VB ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 52/08 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

69.6.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera SSH u issekondata mill-Kunsillier JAE, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta’ kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 69.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT FINANZJARJU AWDITJAT 2021

69.7.1. Is-SE fetaħ il-materja billi ta rendikont tar-rapport finanzjarju awditjat 2021.

69.7.2. Il-Kunsill approva r-rapport finanzjarju b’mod unanimu.

## 69.8 AĠĠORNAMENT DWAR ĠENNA TA’ ĠONNA

69.8.1. Is-SE nforma li l-preparamenti għall-edizzjoni li jmiss ta’ Ġenna ta’ Ġonna kienu għaddejjin u kienu ġew ikkuntattjati l-għaqdiet sabiex il-Kunsill ikun jaf min hu interessat jipparteċipa.

69.8.2. Is-SE kompla billi ta rendikont ta’ x’attivitajiet kienu ser isiru, u li hemm konfermati diġà. Huwa ikkonkluda billi qal li l-programm għandu jiġi finalizzat f’qasir żmien u jibda’ jiġi publiċiżżat.

## 69.9 ATTIVITAJIET TAL-MILIED

69.9.1. Is-SE nforma li r-Reġjun Port kien qed joffri skema ta' fondi biex jintużaw għall-attivitajiet tal-Milied.

69.9.2. Il-Kunsill qabel li għandu jagħmel attivitajiet simili għal dawk li għamel is-sena ta' qabel, li tinkludi wkoll l-attività tat-tfal li ssir l-aħħar Ħadd qabel tibda' l-iskola.

69.9.3. Fir-rigward tad-dawl tal-Milied fi Triq Sant'Anna, is-SE qal li kien diġà ikkuntattja lill-kuntrattur biex jiltaqa' miegħu. Il-Kunsill qabel li bħala dawl, għandu jkun fuq l-istess linja tad-dawl li ġie armat is-sena ta' qabel.

## 69.10 ATTIVITAJIET 300 SENA MIT-TWELID TAL-FLORIANA

69.10.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li kienet ser issir laqgħa mar-rappreżentanti tal-għaqdiet lokali kollha.

69.10.2. Is-SE qal li jekk ser ikun hemm kumitati, allura imbagħad irid ikun hemm selezzjoni. Huwa kompla billi talab li jittieħdu minuti sew ta' xi jkun intqal matul il-laqgħa sabiex ikun hemm riferenza.

## 69.11 SISTEMA TA' LATRINI AWTOMATIĊI

69.11.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi nforma li hemm ammont ta' fondi li kienu ġew allokati għall-kunsilli lokali sabiex jintużaw fuq il-prinċipju ta' latrini awtomatiċi.

69.11.2. Is-Sindku kompla billi qal li jittama li wara li jkunu intefqu dawn il-flus kollha, il-latrina tinżamm sew u ma jkunx hemm vandaliżmu.

## 69.12 SKEMA GĦAL CCTVS FIL-LOKALITÀ;

69.12.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li s-CCTVs 'il ġodda kienu ser jiġu mqabbdin direttament mas-sistema tal-LESA. Huwa qal li għad iridu jinġibu iktar dettalji dwar kif ser ikunu monitorati. Huwa kompla billi qal li l-Kunsill irid jiddeċiedi fejn ser jitwaħħlu dawn il-kameras.

69.12.2. Is-Sindku kompla billi qal li minbarra l-fondi li ser jingħataw, il-Kunsill jista' jagħżel li jixtri xi kameras mill-fondi tal-Kunsill.

69.12.3. Il-Kunsilliera JP staqsiet jekk kienx hemm żvilupp rigward l-applikazzjoni tal-Kunsill mal-ERA. Is-SE qal li s'issa ma kienx hemm risposta.

69.12.4. Għalhekk il-Kunsill qabel li għalissa għandu jieħu ħsieb jiddeċiedi l-postijiet fejn jixtieq jinstalla l-kameras. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandhom jiġu installati kameras ħdejn il-Housing/Spiżerija tal-Gvern, fi Triq l-Argotti, Triq San Franġisk kantuniera ma' Triq is-Suq, Triq San Franġisk kantuniera ma' Triq Pietro Floriani, fi Triq San Tumas kantuniera ma' Triq San Publju, Trejqet l-Imħażen kantuniera ma' Triq Antonio Agius, u Triq is-Suq ma' Triq il-Kapuċċini, u tinbidel il-kamera li hemm mal-knisja tal-Kapuċċini. Il-Kunsillier JAE qal li idealment il-kamera ta' ħdejn il-health centre tiġi installata b'tali mod li tkopri wkoll il-masġar.

69.12.5. Il-Kunsilliera JP issuġġeriet li tiġi installata kamera ħdejn il-magni tal-BCRS. Il-Kunsill qabel li l-ewwel jara x'se jiġri bil-bring in sites.

## 69.13 TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

69.13.1. Il-laqgħa intemmet fil-16:45 u b'riżoluzzjoni unanima tal-kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 19 ta' Ottubru 2023 fil-5.00pm.

**Konfermati, illum il-Ħamis 19 ta' Ottubru 2023**

(iffirmati)
Vincent Borg
Sindku

(iffirmati)
Malcolm Agius Muscat
Segretarju Eżekuttiv